**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 28 ta' Ġunju 2024

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR LARA BUTTERS)**
**(SPETTUR CHRISTIAN ABELA)**

**VS**

**OMISSIS**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Omissis**, ta' Ommissis sena, ta' Nazzjonalita Omissis, iben Omissis, imwieled Omissis nhar Omissis, preżentament residenti ġewwa Omissis u detentur ta' Omissis u akkużat talli fis- 27 ta' Ġunju, 2024 u jew fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-gzejjer;

1. kiseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddiehor, f'xi dokument maħsub għal xi Awtorità pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;

2. Kif ukoll talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi tgħajt jew ġielt li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat għall- ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotta kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li l-akkużat kien jiġi Malta minn pajjjiż ieħor fi ħdan l-Unjoni Ewropea ta' sikwit għall-vaganzi. Huwa kien jiġġestixxi xi xogħol f'Malta wkoll. Illi minn informazzjoni li kellha l-pulizija, jirriżulta illi l-akkużat aktarx kien qed jagħmel użu minn dokumenti ffalzifikati. Illi filfatt, mill-investigazzjonijiet tagħhom, il-pulizija sabu li effettivament l-akkużat kien fil-pussess u qed jagħmel użu minn xi dokumenti falzifikati.

Illi l-akkużat ikkowopera bis-sħiħ mal-uffiċjali investigattivi u anke għenhom fl-istħarriġ tagħhom.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li din hija l-ewwel darba li l-akkużat xellef difrejħ mal-liġi hawn Malta u li dan kien inċident ta' darba. Huwa ammetta t-twettiq tiegħu ta' dan ir-reat mal-ewwel. Min-naħa l-oħra, l-użu ta' dokumenti foloz huwa reat li jattakka l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-Istatus li l-Istat jagħti lill-persuna li tkun qed tiddetjeni tali dokument. Huwa reat serju li jekk ma jiġix traċċat, ikollu konsegwenzi serji fuq iċ-ċertezza tad-dokumenti maħruġa mill-awtoritajiet governattivi.

Illi b'hekk, hija l-fehma tal-Qorti li għalkemm il-piena għandha tkun waħda karċerarja effettiva, m'għandhiex tkun waħda lejn il-massimu.

Deċide:

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 188(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 32(1)(ċ) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Omissis <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannah għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettivi.

Finalment, peress li ma ġew nominati ebda esperti f'dan il-każ, il-Qorti qed tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-akkużat.

**(ft) Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**

**Deputat Reġistratur**